**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Ottubru, 2016

Rikors Guramentat numru : 139/11 AL

A B (ID numru xxxxxx) f'ismu proprju u bhala kuratur ad litem ta' ibnu minuri D B
vs
C B (ID xxxxxxxx)

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u hamsa u disghin (1995) u miz-zwieg taghhom kellhom tifel uniku, D B imwieled fit-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997);
2. Illi b'sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2009 giet ippronunzjata is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-6 ta' Settembru 2010; (Dokti A u B);

3. Illi l-konvenuta irrendiet ruhha hatja fil-konfront tal-attur ta' adulterju, vjolenza, mohqrija, sevizzi, eccessi minacci u ingurji gravi kommessi kemm kontrih kif ukoll fil-konfront ta' binhom minuri;
4. Illi l-esponent ipproceda b'medjazzjoni stante l-infedelta ripetuta kommessa mill-intimata, htijiet u qerq taghha kif ukoll ghall-affidament tal-minuri D, bl-applikazzjonijiet tas-sanzjonijiet ikkontemplati bil-Ligi kontra martu u gie debitament awtorizzat biex jipprocedi f'dina l-istanza; (Dok C);
5. Illi fil-mori tal-proceduri, l-esponent ottjena l-affidament tal-minuri permezz ta' digriet li kopja tieghu hi hawn annessa (Dok D) kif ukoll gie sospiz l-obbligu tieghu li ihallas lill-martu manteniment ghaliha u ghat-tifel (Dok E);
6. Illi martu irrifjutat li tittransigi l-pendenzi surriferti u ghalhekk qed issir din il-kawza bl-ispejjez;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-konvenuta ta' adulterju, vjolenza, mohqrija, sevizzi, eccessi minacci u ingurji gravi kommessi kemm kontrih kif ukoll fil-konfront ta' binhom minuri, kif ukoll talli iz-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tort unikament imputabbli lill-konvenuta;
2) Tafda lill-attur bil-kura u bil-kustodja ta' binhom minuri D B bid-dritt ta' access favur il-konvenuta tenut kont ix-xewqat tal-istess minuri;
3) Tiffissa retta alimentarja ghall-minuri D B u tordna lill-intimata sabiex thallas lill-attur dik ir-retta hekk stabbilita b'dawk il-modalitajiet kollha iffissati minn din il-Qorti u b'effett minn data li tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala id-data li fiha il-minuri baqa fil-kura tal-esponent;
4) Tordna lill-intimata sabiex tirrifondi lill-attur ammont lilha imhallsa bhala manteniment ghaliha u ghall-minuri D mid-data stabbilita mill-istess Qorti bhala id-data li fiha il-minuri kien fil-kura tal-esponent;
5) Tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti kollha tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 sa 51 tal-Kodici Civili

(Kodici Civili) (Kap. 16 1984 Ed. tal-Ligijiet ta' Malta) – Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u b'mod partikolari tiddikjara li l-istess konvenuta iddekadiet minn kull jedd taghha li titlob u / jew tircievi manteniment mill-istess rikorrent u dan b'effett minn data stabbilita minn din il-Qorti bhala id-data li minn dik id-data 'il quddiem ghandhom japplikaw kontra l-istess konvenuta is-sanzjonijiet u id-dekadenza mitluba;

Bl-ispejjez – inkluzi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni pendenti bejn il-partijiet – kontra il-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet : (fol 41)

1. Illi in linea preliminari it-talbiet tal-attur huma insostenibbli stante li l-vertenza kienet giet deciza permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2009 u definittivament ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Settembru 2010 fil-kawza fl-ismijiet inversi Citaz Nru 181/05 JA;
2. Illi ukoll in linea preliminari l-premessi imsemmija fit-tielet paragrafu tal-kawza odjerna kienu gew definittiament decizi permezz ta' l-istess sentenza preceditata tant li l-allegata "infedelta ripetuta kommessa mill-intimata" tirreferi ghall-perjodu ta' zmien precedenti ghall-ghoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Familja u ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell u kwindi kull ma qieghed jipprova jaghmel l-attur huwa li jerga' jibda mill-gdid kawza li kienet diga' giet deciza;
3. Illi ukoll in linea preliminari, l-irritwalita' tal-procedura odjerna billi kif jirrizulta mir-rikorsi li l-attur ipprezenta quddiem il-Qorti tal-Familja wara li kienet nghatat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet inversi, u li permezz taghha l-omm rebhet il-kustodja tat-tifel, l-attur beda jallega li l-mara qarqet u zvijat lill-Qorti tal-Appell billi skont hu hija kienet kkommettiet adulterju u li huwa sar jaf

biss bl-adulterju ta’ martu wara li nghatat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell. Li jfisser li jekk l-attur jemmen li l-mara tieghu ottjeniet is-sentenzi tal-Qorti tal-Familja u tal-Qorti ta’ l-Appell b’qerq allura huwa kellu jipprocedi b’kawza ghar-ritrattazzjoni u mhux b’kawza gdida dwar l-istess fatti li ormai marru in gudikat;

4. Illi l-ewwel talba tal-attur ma tistax tigi akkolta stante li s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti kienet diga’ giet deciza permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta’ Settembru 2010;
5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu u dan stante li l-attur rebah il-kustodja temporanja tal-minuri sussegwentament ghall-ghoti tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell precitata b’mod irregolari u b’abbuz tal-procedura kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
6. Illi l-omm hija mara sew u hija idonea sabiex il-kura u l-kustodja tal-minuri tkompli tigi fdata lilha kuntrarjament ghall-attur li kull ma jaghmel huwa li jiddepozita lill-minuri ghand in-nanna paterna, jivvessa lill-minuri b’allegazzjonijiet infondati fil-konfront ta’ ommu, jaghwi lill-minuri kontra ommu u jonqos milli jiehu hsieb sew lill-minuri;
7. Illi ghal kull bon fini ghandu jigi allegat il-process kollu tal-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell tas-6 ta’ Settembru 2010 fl-ismijiet inversi Citaz Nru 181/05 JA;
8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet a fol 156 tal-process li biha infurmaw lill-Qorti illi huma wasslu ghal ftehim bejniethom dwar il-pendenza ta’ din il-kawza u talbu umilment li dina il-Qorti tiehu konjizzjoni ta’ dan il-ftehim fl-eventwali sentenza :

1) Il-partijiet jaqblu illi t-tifel tal-kontendenti D B li illum huwa maggorenni ilu jghix mal-missier A B ghal dawn l-ahhar hames snin;
2) Illi jinghad ukoll illi l-imsemmi tifel mhuwiex qieghed jistudja f’livell terzjarju;

3) Illi l-partijiet jiddikjaraw illi huma m'ghandhom l-ebda pretensjoni fil-konfront ta' xulxin fir-rigward ta' manteniment kemm ghalihom u kif ukoll ghat-tifel Kirsten B;
4) Illi C B tiddikjara illi minhabba cirkostanzi illi avverew ruhhom hija ddekadiet mid-dritt taghha illi titlob u/jew tircievi manteniment minghand A B u tiddikjara illi m'hemm l-ebda manteniment inkluz arretrati dovuti minn zewgha;
5) Illi l-partijiet jobbligaw ruhhom illi jhallsu d-drittijiet tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia fi kwoti indaqs bejniethom;
6) Illi kull parti thallas l-ispejjez dovuti lill-Avukati u prokuratur legali rispettivi taghhom;
7) Illi l-esponenti jitolbu finalment li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

Illi waqt is-seduta tal-21 ta' Gunju 2016 l-attur irtira l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba` talbiet attrici. L-attur zamm ferm il-hames talba tieghu.

Semghet lix-xhieda illi tressqu, id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet b'dan illi r-rikorrent jaġixxi f'ismu proprju u f'isem ibnu minuri D B.

Il-Qorti tirrileva illi l-partijiet diġa' kisbu l-pronunzja tas-separazzjoni personali bejniethom u dana permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tal-24 t'April 2009, liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza mogħtija fis-6 ta' Settembru 2010. Effettivament, għaldaqstant jirriżulta illi diġa hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar l-ewwel u l-ħames talbiet attriċi u li din il-Qorti m'hijiex ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom stante illi huma *res judicata*.

Jidher illi wara l-pronunzjament tas-separazzjoni personali, il-minuri D kien qiegħed jabita regolarment ma' missieru r-rikorrent f'dawn il-proċeduri u għalhekk dana ħass il-ħtieġa li l-Qorti tbiddel l-ordnijiet ġja mogħtija f'dak illi jirrispekkja l-kura u l-kustodja tal-minuri, kif ukoll il-manteniment tiegħu, u għaldaqstant intavola l-kawża odjerna.

Jiġi rilevat illi wara li l-partijiet ressqu l-provi tagħhom, huma waslu fi ftehim bejniethom bl-iskop illi jittransiġu l-kawża odjerna. Illi permezz ta' nota konġuntiva[1], ippreżentata fit-13 t'April 2016, il-partijiet talbu illi l-ftehim ta' bejniethom jiġi kkonsidrat fl-eventwali sentenza. Il-partijiet ftehmu s-segwenti:

1) Il-partijet jaqblu illi t-tifel tal-kontendenti D B li illum huwa maġġorenni ilu jgħix mal-missier A B għal dawn l-aħħar ħames snin;

2) Illi jingħad ukoll illi l-imsemmi tifel m'huwiex qiegħed jistudja f'livell terzjarju;

3) Illi l-partijiet jiddikjaraw illi huma m'għandhom l-ebda pretensjoni fil-konfront ta' xulxin fir-rigward ta' manteniment kemm għalihom u kif ukoll għat-tifel D B;

4) Illi C B tiddikjara illi minħabba ċirkostanzi li avverew ruħhom, hija ddekadiet mid-dritt tagħha illi titlob u/jew tirċievi manteniment mingħand A B u tiddikjara illi m'hemm l-ebda manteniment inkluż arretrati dovuti minn żewġha.

5) Illi l-partijiet jobbligaw ruħhom illi jħallsu d-drittijiet tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia fi kwoti indaqs bejniethom;

6) Illi kull parti tħallas l-ispejjeż dovuti lill-Avukati u prokuratur legali rispettivi tagħhom;

[1] Fol. 156

7) Illi l-esponenti jitolbu finalment li l-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**<u>DEĊIDE</u>**

Għalhekk din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Ma tieħux konjizzjoni tal-**ewwel** u l-**ħames** talba tar-rikorrent stante illi dwar dawn diġa hemm pronunzjament ġudizzjarju li ormai mar in ġudikat;

[2] Tiddikjara illi in vista li iben il-partijiet huwa llum maġġorenni, m'hemmx iktar lok ta' deċiżjoni dwar it-**tieni** talba attriċi;

[3] Tiddikjara illi in vista li iben il-partijiet huwa llum maġġorenni u wkoll ma jistudjax fuq livell terzjarju, m'hemmx lanqas lok ta' deċiżjoni dwar it-**tielet** talba attriċi;

[4] Tiddikjara illi in vista tal-ftehim bejn il-partijiet, ir-**raba'** talba attriċi għandha tiġi miċħuda;

Rigward il-kap tal-ispejjeż, il-partijiet għandhom iħallsu d-drittijiet tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia fi kwoti ugwali bejniethom; fil-waqt illi l-ispejjeż tal-kawża jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet, sabiex kull wieħed mill-partijiet iħallas id-drittijiet spettanti lill-konsulenti legali tiegħu.